MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 368/2007

**vs**
**C D f' isimha proprju u**
**bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrenti kien f' relazzjoni intima mal-konvenuta bejn is-sena 1998 u April 1999;

2. Illi fil-hamsa (5) ta' Marzu 2000, twieldet E D, liema tifla l-attur haseb li huwa l-missier tat-tifla tant li anki huwa kien iddikjara li hija t-tifla tieghu u kien hemm ftehim ta' manteniment skond l-anness Dok A;

3. Illi fil-fatt, r-rikorrenti qieghed ihallas lill-intimata ghall-manteniment tat-tifla E Lm64 fix-xahar;

4. Illi r-rikorrenti pero’ llum jinsab cert li t-tifla m’ hijix il-wild naturali tieghu peress li huwa kien ittermina r-relazzjoni intima li kellu mal-konvenuta f’ April tas-sena 1999, u ghalhekk huwa impossibli li l-attur huwa missier naturali tat-tifla E li twieldet fil-hamsa (5) ta’ Marzu 2000, skond l-anness certifikat tat-twelid markat dokument A;

5. Illi r-rikorrenti jixtieq anki bl-opera ta’ periti nominandi, jistabbilixxi dan il-fatt, li huwa m’ huwiex il-missier naturali ta’ l-istess tifla E D;

6. Illi skond ic-certifikat tat-twelid ta’ E jirrizulta li r-rikorrenti lanqas ma huwa meqjus bhala ‘l-missier’ skond l-anness certifikat tat-twelid markat B;

Jghid ghalhekk l-intimata prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur m’huwiex il-missier naturali tat-tarbija E D li twieldet fil-hamsa (5) ta’ Marzu 2000, prevja jekk hemm bzonn anki bl-opera ta’ periti nominandi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ftehim hawn anness u mmarkat bhala dokument A, huwa null u invalidu, stante l-fatt li r-rikorrenti mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li huwa minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta proprio et nomine eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikors guramentat ta’ l-attur huwa ghal kollox irritwali stante li l-azzjoni ta’ diskonnoxximent jew ta’ denegata paternita’ hija miftuha biss ghar-ragel li fic-certifikat huwa indikat bhala l-missier tat-tarbija li twieldet fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fil-Ligi;

2. Illi fit-tieni lok, l-azzjoni ta’ denegata paternita’ ghandha tigi pprezentata fit-termini stretti moghtija mill-Ligi ai termini ta’ l-artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mhux seba’ snin wara t-twelid tat-tarbija;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur iffirma l-ftehim anness mar-rikors ta’ l-attur u mmarkat bhala Dok. A f’ Gunju 2006 u cioe’ sitt (6) snin wara li twieldet il-minuri, b’ mod volontarju, u ghalhekk huwa kellu kull cans jivverifika jekk il-minuri hijix il-wild naturali tieghu;

4. Illi di piu’ l-eccipjenta tichad illi l-minuri E m’ hijix il-wild naturali ta’ l-attur.

5. Illi l-eccipjenta m’ ghandhiex tbati ebda spejjez u tirriserva l-jedd taghha li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti prezentati mill-partijiet rigwardanti l-ewwel eccezzjoni;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghad-data tallum;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li huwa mhuwiex il-missier naturali tarbija E D li twieldet fil-5 ta’ Marzu 2000; u konsegwentement tiddikjara li l-ftehim skritt li kien sar bejn il-partijiet fis-16 ta’ Gunju 2006 huwa null u invalidu.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-attur jghid li fis-sena 1998 huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta, li gie terminata f’ April 1999. Fil-5 ta’ Marzu 2000 il-konvenuta weldet tarbija li semmietha E u li giet registrata fuq ic-certifikat tat-twelid[1] bhala “unknown father”.

---

[1] Nru.880/00 – fol.6

Jghid li, minkejja li t-tarbija ma gietx registrata fuq ismu, huwa haseb li hu kien il-missier naturali taghha, u ghalhekk fis-16 ta’ Gunju 2006 il-partijiet iffirmaw ftehim fejn, wara li ddikjaraw li “.. il-partijiet ghandhom tifla minuri bl-isem E..” ftehmu dwar il-manteniment dovut mill-attur ghat-tifla minuri, l-modalita’ ta’ l-access tieghu u hwejjeg ohra koncernanti l-istess minuri.

Illi fir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta’ Gunju 2007, l-attur jghid li “illum jinsab cert li t-tifla m’hijiex il-wild naturali tieghu peress li huwa kien ittermina r-relazzjoni intima li kellu mal-konvenuta f’ April 1999.”

Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li t-tarbija hija l-wild naturali ta’ l-attur, tant li sitt snin wara t-twelid taghha huwa ffirma l-imsemmi ftehim.

Illi fl-udjenza tal-5 ta’ Marzu 2008, il-Qorti ordnat li l-attur jindika l-artikolu tal-ligi li fuqha qed jibbaza l-azzjoni tieghu, stante fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta fl-ewwel eccezzjoni, qed issostni li r-rikors ta’ l-attur huwa irritwali “stante li l-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ denegata paternita’ hija miftuha biss ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala l-missier tat-tarbija li twieldet fiz-zwieg”.

Konsegwentement l-attur ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fejn irrefera ghall-artikolu 99 tal-Kap.16, wara li, b’ risposta ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, ghamel osservazzjonijiet dwar l-artikolu 73[c] ta’ l-istess kap.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok tosserva li, ghalkemm fl-ewwel talba tieghu l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li t-tifla mhijiex il-wild naturali tieghu, in sostanza dak li qed jitlob hija r-revoka tal-ftehim iffirmat minnu li fih iddikjara li l-minuri kienet it-tifla taghhom, u dana tenut kont ukoll tal-fatt li ufficjalment, u cioe’ kif johrog mill-att tat-twelid tat-tifla, l-attur mhuwiex il-missier legali tat-tarbija.

Ghalhekk izjed milli azzjoni ta’ filjazzjoni, il-kawza odjerna hija kawza ghar-revoka ta’ ftehim dwar manteniment u access bazat fuq il-premessa dikjarata fl-istess ftehim li t-tarbija hija taz-zewg partijiet.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tosserva li l-azzjoni odjerna mhijiex wahda ta’ denegata paternita’ stante li l-partijiet ma humiex mizzewwgin, u t-tarbija twieldet barra z-zwieg; u konsegwentement mhumiex applikabbli ghal kaz odjern id-dispozizzjonijiet kontenuti that is-sub titolu I intestat “Fuq il-Filjazzjoni Ta’ l-Ulied Imnissla jew Imwielda Matul iz-zwieg.” Din il-konsiderazzjoni legali ghandha relevanza anke ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tikkunsidra bhala nfondata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, kif proposta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad l-ewwel eccezzjoni; u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------